MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 786/2011/1

Jeremy **CASSAR TORREGIANI** u Mario Hammett

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta’ Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli jwaqqaf, jagħlaq, ifixkel jew b’xi mod ieħor jostakola t-tħaddim ta’ “*The Villa*”, Le Meridien, 39, Bajja tal-Balluta, il-Balluta, f’San Ġiljan kif imħares bil-permessi u l-liċenzi BAR/0393/4 u SB/3055, liema liċenzi huma annessi mal-Lukanda *Le Meridien* u dan kif joħroġ mill-istess liċenzi u permessi;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Ġunju, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-14 ta’ Ġunju, 2011;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-13 ta’ Ġunju, 2011, li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa’ għat-talba tar-rikorrenti billi qal li l-azzjoni tiegħu taqa’ ’l barra mill-ħarsien ta’ jeddijiet ċivili iżda hija azzjoni esekutiva taħt il-kamp kriminali u b’hekk ir-rikorrenti m’għandhom l-ebda jedd ċivili xi jħarsu bil-ħruġ ta’ Mandat bħal dak minnhom mitlub. Żied jgħid li l-għamil tiegħu li jinvestiga, jistħarreġ u jwettaq is-setgħat tiegħu fejn jirriżultalu ksur ta’ liġi – imqar jekk jintalab jagħmel dan bi kwerela ta’ persuna privata – ma jistax jitwaqqaf preventivament bi ħruġ ta’ Mandat, u talba bħal din hija abbużiva tal-proċess ġudizzjarju għaliex tħallat “drittijiet ċivili ma’ affarijiet ta’ natura penali”, minbarra li toħroġ lil hinn mis-setgħat ta’ din il-Qorti fil-ġurisdizzjonijiet mogħtijin lilha mil-liġi. Qal ukoll li r-rikorrenti ma jistgħu jġarrbu l-ebda telfien jew tneħħija tal-jeddijiet tagħhom bl-għamil tiegħu, għaliex huwa m’għandux is-setgħa mil-liġi biex jirtiralhom jew jissospendilhom il-liċenzi u l-permessi, iżda biss is-setgħa li jipproċedi f’każ li jirriżultalu xi mġiba bi ksur tagħhom. Tenna li r-rikorrenti ma

jgħidux x'inhuma l-jeddijiet li jirriżultaw mad-daqqa t'għajn u li dwar il-ħarsien tagħhom qegħdin jitolbu l-ħruġ tal-Mandat. Fl-aħħarnett, ċaħad li qatt kien hemm theddid minn xi uffiċjal tal-Korp immexxi minnu fil-konfront tar-rikorrenti;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-intimat waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2011, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2011, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-intimat ma jwaqqafhomx jew ifixkilhom bl-ebda mod fit-tmexxija tal-istabiliment f'San Ġiljan li dwaru huma għandhom liċenza ta' kummerċ biex iħaddmu. Huma jgħidu li ladarba dak l-istabiliment jagħmel minn lukanda, kull attivita' li tista' ssir mil-lukanda tista' ssir fl-istabiliment immexxi minnhom;

Tqis li l-istabiliment bħalissa jgawdi minn żewġ liċenzi ta' kummerċ maħruġa mill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta, waħda bħala *snack bar*[1] u l-oħra bħala ristorant tat-tieni klassi[2]. Ir-rikorrent Cassar Torregiani huwa l-operatur magħruf taħt l-ewwel liċenza;

Tqis li l-intimat jgħid sewwa meta jissottometti li l-Mandat ma jistax jintalab biex iżommu milli jwettaq is-setgħat tiegħu dwar xi ksur ta' liġi. Mandat ma jistax jinħareġ biex iżomm persuna milli tagħmel dak li l-liġi tobbligaha tagħmel, ukoll jekk dak l-għamil jista' jġib xi ħsara jew skomdu lill-persuna milquta b'għamil bħal dak u sakemm l-għamil isir skond kif trid il-liġi;

Tqis li l-liġi tagħti lill-intimat setgħat li jagħlaq għal żmien determinat xi post kummerċjali, bħalma huwa dak immexxi mir-rikorrenti, fil-każijiet speċifiċi maħsuba fil-liġi[3], u mhux kull meta jkun jidhirlu huwa f'każijiet oħra. Minbarra dan, is-setgħat ta' ndħil fit-tmexxija ta' stabiliment bħal dak jaqgħu b'rieda tal-istess liġi[4] fl-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta (li m'hijiex parti f'din il-proċedura), u mhux fl-intimat. Fit-twettiq tas-setgħat tal-Awtorita' dwar l-infurzar minnha tal-ordnijiet tagħha, l-liġi lanqas tħalli li jitressqu talbiet kawtelatorji biex iżommuha milli tmexxi 'l quddiem dak l-infurzar[5];

Tqis ukoll li, safejn tgħodd għall-każ il-liġi dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ[6], is-sanzjonijiet għal xi ksur tal-istess liġi fuq proċeduri mibdijin mill-intimat jikkonsistu f'multi[7], u huwa biss

---

[1] BAR/0393/4, Dok "A", f'paġ. 6 tal-atti
[2] SB/3055, Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti
[3] Reg. 38(2)(e) tal-A.L. 1 tal-2006 (L.S. 441.07)
[4] Skeda VI tal-A.L. 1 tal-2006
[5] Art. 42(2) tal-Kap 409
[6] Art. 4 tal-Kap 441
[7] Art. 18 tal-Kap 441

f'każijiet mitluba mill-Awtorita' kompetenti u **wara eżami minn qorti** li l-liċenza tista' titħassar jew tkun sospiża għal żmien[8];

Tqis li l-kwestjoni ewlenija li ssemmiet tul is-smigħ tar-rikors li dwarha l-partijiet għandhom nuqqas ta' qbil hu dwar jekk fl-istabiliment tagħhom jistgħux jinżammu tiġijiet u x'għamla ta' mużika tindaqq waqt l-attivitajiet tagħha[9];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma

[8] Artt. 19(1) u 20 tal-Kap 441
[9] Xhieda ta' Suprintendent Stephen Gatt 14.6.2011, f'paġġ. 31 – 2 tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12
[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta’ dan il-Mandat għandha jew tintlaqa’ jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta’ provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li l-intimat ma jaqbadx u “jieħu l-liġi b’idejh” u arbitrarjament jarroga għalih setgħa li jinterpreta l-liġi kif jifhimha hu, bla ma l-kwestjoni tkun tressqet quddiem qorti;

Tqis li l-intimat jisħaq li dak li għamel u li fi ħsiebu jagħmel ma jista’ bl-ebda mod jitqies li huwa arbitrarju għaliex huwa fid-dmir li jara li kull ksur ta’ liġi jitwaqqaf u li t-twissijiet li ngħataw ir-rikorrenti biex jaraw li joqogħdu mal-liġi ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala għamil ta’ theddid;

Tqis li l-ħruġ ta’ kull liċenza hija t-twettiq ta’ setgħa li l-istess liġi tqiegħed f’idejn l-Awtorita’ kompetenti u li titlob diskrezzjoni

[12] Art. 875(3) tal-Kap 12
[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

msejsa fuq il-ħtiġijiet tal-liġi. Minħabba li l-liġi tagħti setgħat lill-imsemmija Awtorita', l-intimat jista' u għandu jieħu struzzjonijiet mingħandha kull fejn tidħol l-interpretazzjoni, applikazzjoni u tifsir ta' attivita' koperta b'liċenza bħal dik. Safejn jimxi għal rasu fuq daqshekk, ukoll fuq ilment ta' persuna privata, jkun qiegħed jidħol f'eżerċizzju diskrezzjonarju ta' poter li jnissel periklu ta' arbitrarjeta' u wkoll teħid ta' setgħat li l-liġi ma tagħtihx;

Tqis li, minn dan l-aspett u limitatament għal dan ir-rigward, il-jedd tar-rikorrenti mad-daqqa t'għajn jirriżulta;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[14] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis ukoll li jekk wieħed iqabbel il-ħsara li jġarrbu r-rikorrenti kemm-il darba jseħħ dak li dwaru talbu l-ħruġ tal-Mandat mal-ħsara li jġarrab l-intimat li kieku l-Mandat jintlaqa' jidher ċar li tal-ewwel iġġarrbu ħsara agħar minn dik li jġarrab l-intimat, għallanqas sakemm il-kwestjoni tat-tifsir u l-estent tal-liċenzi mogħtija lir-rikorenti titqies mill-Awtorita' kompetenti fis-sedi xierqa;

[14] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis, għalhekk, li f’dan il-każ, jikkonkorru l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-talba għall-ħruġ tal-Mandat**, b’dan illi xejn f’din l-ordni ma għandu jolqot is-setgħat tal-intimat li jistħarreġ jew imexxi proċeduri dwar ksur ta’ liġi jew twettiq ta’ reat; u

**Tordna** li minħabba ċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------